FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Hamis 27 ta' Gunju, 2002

**Numru 22**

**Avviz. numru 236/02JR**

**Mario Mifsud**

**vs**

**Joseph Mifsud**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz prezentat fil-5 t'April, 2001 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u sebgha u erbghin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm247.75), kwantu ghal mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm225.00) arretrati ta' kera ta' garaxx li l-konvenut kien jikri minghand l-attur u li jinsab gewwa 71, Parish Street, Mqabba u tnejn u ghoxrin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm22.75) bhala spejjez tal-kawza deciza fil-Bord tal-Kera fl-1 t'April, 1998,**

**fl-ismijiet Mario Mifsud vs Joseph Mifsud (Rikors numru 128/98) u dana skond taxxa ufficjali;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 18 ta' Frar, 2000, u bl-imghax legali kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li r-risposta tal-konvenut, prezentata fl-4 ta' Mejju, 2001, fejn intqal illi t-talbiet attrici fir-rigward tas-somma ta' mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm225.00) huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-konvenut ma jikrix il-garaxx in kwistjoni minghand l-atturi;**

**Illi t-talbiet attrici fir-rigward tas-somma ta' tnejn u ghoxrin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm22.75) rapprezentanti spejjez tal-kawza deciza fil-Bord tal-Kera fl-1 t'April, 1998 (Rikors numru 128/98) ma jistghux jiffurmaw il-meritu ta' din il-kawza peress illi fil-konfront ta' din is-somma hemm titolu esekuttiv.**
**Bl-ispejjez.**

**Ra illi l-konvenut fit-30 t'April, 2002, eccepixxa ulterjarment illi l-azzjoni odjerna hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2156c tal-Kodici Civili.**

**Semgha x-xhieda ta' Mario Mifsud, Joseph Mifsud u Paul Sciberras. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Illi din il-kawza qed issir ghall-hlas ta' kera fis-somma ta' mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm225.00) rigwardanti l-garaxx li l-konvenut kien allegatament jikri minghand l-attur, liema garaxx jinsab gewwa 71, Parish Street, Mqabba, kif ukoll ghall-tnejn u ghoxrin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm22.75) spejjez tal-kawza deciza fil-Bord tal-Kera fl-1 t'April, 1998, fl-ismijiet Mario Mifsud vs Joseph Mifsud (Rikors numru 128/98).**

**2. Mill-provi jirrizulta li kien hemm zmien meta tassew il-konvenut kellu il-kera ta' l-imsemmi garaxx.**

**3. Jirrizulta li l-attur kien xtara l-imsemmi garaxx fit-2 t'April, 1991, minghand Pawlu Sciberras, u dana skond ma jirrizulta mill-kuntratt esebit, Atti Nutar Dr. Marco Burlo.**

**4. Jirrizulta wkoll li l-kera kienet tigi depositata l-Qorti u dana skond ma jirrizulta mic-cedola numru 1206/92, fejn giet depositata l-kera ghall-perijodu bejn it-28 ta' Jannar, 1992 u t-28 ta' Lulju, 1992.**

**5. L-attur xehed li ma jafx ghall-liema snin kienet dovuta l-kera mitluba. Xehed hekk: "Insejt kollox….. Ma nafx kemm kienet il-kera."**

**6. Min qed jitlob irid jipprova. Definitivament f'kawza bhal din l-attur kellu jipprova ghall-liema perijodu kienet dovuta il-kera li qed jitlob, haga li ma ppruvax. L-attur ma gab ebda prova in sostenn ta' dak li qed jitlob. It-Tribunal ma jistax "di sua sponte" jaqbad u jghid li l-kera hi dovuta ghall xi perjodu partikolari, meta dan ma jirrizultax. Il-perjodu ghall-liema qed tintalab il-kera hu rilevanti ferm ukoll ghall-**

**eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata. Jidher mill-provi li fil-fatt l-konvenut ilu snin twal li telaq mill-fond.**

7. **Definitivament il-konvenut gie zgumbrat fl-1 t'April, 1998, skond id-decizjoni tal-Bord fuq riferta. L-azzjoni odjerna giet istitwita fil-5 t'April, 2001, u ghalhekk l-kera li tista' tkun dovuta hija biss dik mill-5 t'April, 1996 sad-data ta' l-izgumbrament, ossija sal-1 t'April, 1998. Fil-konfront ta' kera precedenti ghall-dak iz-zmien definitivament japplika l-Artikolu 2156 (c) tal-Kodici Civili.**
8. **Pero` it-Tribunal jirrileva li t-talba attrici dwar il-hlas ta' kera definitivament ma gietx pruvata, gja la darba l-attur ma jafx il-perjodu ghall-liema hi dovuta.**
9. **Dwar it-talba ghall-hlas ta' l-ispejjez gudizzjarji, l-attur ghandu gja titolu ezekuttiv fir-rigward u ghaldaqstant tali ma setghux jiffurmaw parti mill-meritu ta' din il-kawza**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici ma tirrizulta pruvata it-Tribunal qed jichad it-talbiet attrici.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-attur skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**